MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 133/2022LM

**James D'Anastas (K.I. nru. 49481M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Wembley Stores Company Limited (C 2543)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **James d'Anastas (K.I. nru. 49481M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tal-5 ta' Ottubru, 2022, li permezz tagħha t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li r-rikorrent ma sofra l-ebda trattament diskriminatorju min-naħa tas-soċjetà intimata **Wembley**

**Stores Company Limited (C 2543)** [hawnhekk 'l-appellata'], u għalhekk ċaħad it-talbiet tiegħu.

## Fatti

2. Permezz tar-rikors ippreżentat mir-rikorrent quddiem it-Tribunal, huwa spjega li kien ilu impjegat mas-soċjetà intimata mis-sena 1999, l-ewwel bħala *storekeeper,* u wara d-9 ta' Marzu, 2008 bħala *warehouse manager.* Ir-rikorrent qal li tul il-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata, huwa tħallas rimunerazzjoni inferjuri għal dik li kienu jirċievu terzi li jagħmlu l-istess xogħol. Qal li dan jammonta għal distinzjoni illeġittima u abbużiva, u kellha l-konsegwenza li tippreġudikah direttament u li tikkawżalu danni. Kien għalhekk li huwa talab lit-Tribunal jiddikjara li din id-distinzjoni bejn impjegati li jagħmlu xogħol ugwali, kienet illeġittima u abbużiva; jiddikjara li s-soċjetà intimata hija responsabbli għat-telf ta' qligħ li sofra r-rikorrent minħabba din id-distinzjoni illeġittima; jillikwida l-kumpens għat-telf ta' qligħ soffert mir-rikorrent, rappreżentanti d-differenza fil-ħlas li r-rikorrent baqa' ma rċeviex, jikkundanna lis-soċjetà intimata għall-ħlas tal-kumpens dovut, u jagħti kull provvediment ieħor li jista' jkun meħtieġ fiċ-ċirkostanzi.

## Mertu

3. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha qalet li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, u qalet li hija ferm sorpriża bl-allegazzjonijiet li qegħdin isiru fil-konfront tagħha. Qalet li din

hija l-ewwel darba li qegħda ssir allegazzjoni bħal din, u huwa evidenti li r-rikorrent qiegħed iressaq dan l-ilment wara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat.

4. Fid-dikjarazzjoni tiegħu, ir-rikorrent qal li bħala *warehouse manager* huwa kellu diversi rwoli. Qal li jidher ċar li s-soċjetà rikorrenti rrendiet ruħha ħatja ta' aġir inġust u diskriminatorju fil-konfront tiegħu, u li ħallsitu rimunerazzjoni inferjuri għal dik li ħallset lil terzi.

5. Is-soċjetà intimata ddikjarat li minkejja li r-rikorrent jagħmel riferiment għal persuna partikolari u għar-rimunerazzjoni li dan kien jirċievi mingħandha, ir-responsabbiltajiet u doveri rispettivi kienu differenti minn dawk tar-rikorrent, u għalhekk ir-rimunerazzjoni kienet differenti, iżda mhux diskriminatorja.

6. Quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien ġie impjegat mas-soċjetà intimata fil-25 ta' Ottubru, 1999 bħala *deliveryman.* Qal li wara sena u seba' xhur huwa beda jaħdem bħala *store keeper* sat-8 ta' Marzu, 2008, iżda f'dan iż-żmien huwa baqa' jaħdem ukoll bħala *deliveryman*. Qal li huwa kien jieħu ħsieb l-imħażen tal-kumpannija, u kien jagħmel ukoll xogħol ieħor bħal tindif, jieħu ħsieb il-vannijiet bħal ma huma l-liċenzji, il-VRTs, u jieħu ħsieb jispezzjona x-xogħol għad-danni. Qal ukoll li dak iż-żmien huwa kien isuq il-*lifter,* kien jieħu ħsieb id-*deliveries,* jiġbor il-flus dovuti, u jipprepara l-affarijiet għat-tqassim. Żied jgħid li kien hemm drabi meta fil-maħżen kien jagħmel ukoll xogħol ta' manutenzjoni. Qal li fis-sena 2014 ġew itterminati numru ta' impjiegi minn mal-kumpannija, sakemm eventwalment l-impjieg tiegħu wkoll ġie tterminat fis-sena 2017 wara li huwa ġie mgħarraf li meta kien sar ir-ristrutturar, ma kinux tnaqqsu nies biżżejjed minn mal-kumpannija. Qal li meta ġie tterminat

l-impjieg tiegħu, ħaddiema oħra fl-istess sezzjoni ma ġewx itterminati. Qal ukoll li dawn il-persuni li baqgħu fl-impjieg tas-soċjetà intimata wara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat, kienu daħlu jaħdmu mas-soċjetà intimata warajh. Ir-rikorrent qal li sa meta ġie tterminat l-impjieg tiegħu, huwa kien għadu qed jagħmel is-sahra, u fil-fehma tiegħu x-xogħol fil-kumpannija żdied u mhux naqas.

7. **Christopher Gauci**, direttur tas-soċjetà intimata, fix-xhieda tiegħu qal li r-rikorrent dejjem kien jaħdem fl-imħażen tal-kumpannija, u x-xogħol tiegħu kien jinvolvi l-operat tal-imħażen. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent kien jagħmel xogħol tajjeb fil-kumpannija, u għalkemm meta beda jaħdem aktarx li kien jitħallas paga minima, maż-żmien is-salarju tiegħu ġie mtejjeb, u l-aħħar paga bażika tiegħu kienet ta' €1,849.59 fix-xahar. Ix-xhud qal li r-rikorent kien impjegat bħala *warehouse manager,* iżda fl-2014 ma kienx għad baqa' l-istess volum ta' xogħol, u kienu anki naqsu n-nies li jaħdmu fl-imħażen. Qal li fl-imħażen isir xogħol relatat mal-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti li tbiegħ il-kumpannija. Ix-xhud qal li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat minħabba nuqqas ta' xogħol, u dan wara li fl-2014 *supplier* ewlieni ttermina l-kuntratt li kellhom miegħu għad-distribuzzjoni tal-prodotti, u għalhekk kellhom inaqqsu n-numru ta' nies. Qal li r-rikorrent kien inżamm fl-impjieg għaliex il-kumpannija kellha l-ħsieb li terġa' żżid ix-xogħol, iżda wara sentejn jistinkaw biex jiżdied il-bejgħ, dan baqa' ma seħħx. Qal li fl-2014 is-soċjetà intimata kienet topera numru ta' mħażen, iżda fl-2014 dawn naqsu għal maħżen wieħed, u post ieħor fejn kien jinżamm l-*overflow* tal-merkanzija.

8. Ix-xhud **David Vella** qal li dam jaħdem mar-rikorrent madwar erbatax-il sena. Qal li r-rikorrent fir-rwol tiegħu kien jidderieġi x-xogħol kollu fl-imħażen, fosthom ir-rotot, ix-xufiera, il-*containers,* l-*expiry dates,* u l-*istocks.* Qal li dak iż-żmien il-volum tax-xogħol kien wieħed kbir ħafna. Qal li anki hu tkeċċa mill-impjieg mas-soċjetà intimata minħabba nuqqas ta' volum ta' xogħol.

9. Quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent xehed li huwa beda jaħdem mas-soċjetà intimata fl-1999 bħala *delivery man,* u wara diversi xhur beda jaħdem bħala *store keeper,* iżda baqa' jagħmel id-*deliveries* ukoll. Qal li meta laħaq *store manager* ix-xogħol baqa' l-istess, u baqa' jagħmel l-istess xogħol sakemm ġie tterminat. Spjega li x-xogħol tiegħu kien jinvolvi li jara li l-ħaddiema daħlu fil-ħin, li ssir it-tagħbija fil-vannijiet, jiċċekkja x-xogħol, jieħu ħsieb il-vannijiet, jieħu ħsieb id-*damages* li jidħlu, u r-*returns.* Qal li kien jieħu ħsieb ukoll it-tindif tal-maħżen, u kien jieħu ħsieb jirċievi l-flus tad-*deliveries* u jdaħħalhom fis-*safe.* Qal li kien hemm drabi meta huwa kien jaħdem erbatax-il siegħa fil-ġurnata, u kien jaħdem ħafna sahra. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent semma lil ċertu Joe Balzan, u identifikah bħala l-persuna li kien jitħallas aktar minnu. Qal li huwa kkonferma dan meta darba bi żball xi ħadd tefa' informazzjoni dwar salarji fuq is-sistema informatika tal-kumpannija, u għalhekk kulħadd seta' jara kemm kien qiegħed jitħallas dan l-individwu. Qal li meta esponenti tas-soċjetà intimata kellmuh, u infurmawh li kienu ser jitterminawlu l-impjieg, ir-raġuni li ngħata kienet li meta sar ir-ristrutturar ma kinux tkeċċew biżżejjed impjegati.

10. **Joe Balzan** fix-xhieda tiegħu qal li b'kollox huwa dam jaħdem madwar disa' snin mas-soċjetà intimata, u oriġinarjament huwa kien daħal jaħdem fis-

sezzjoni tal-manutenzjoni tal-kumpannija. Qal li maż-żmien żdiedlu x-xogħol u beda anki jitqabbad jagħmel id-*deliveries.*

11. Ir-rikorrent ippreżenta skeda li turi d-diskrepanza bejn ix-xogħol li kien jagħmel hu meta kien jaħdem bħala *warehouse manager,* u x-xogħol li kien jagħmel Joe Balzan, bil-*job description* ta' *handyman.* Is-soċjetà intimata ippreżentat il-*job description* bix-xogħlijiet li kien mistenni li jagħmel ir-rikorrent. Ir-rikorrent xehed dwar dan id-dokument, fejn qal li kien hemm xi xogħol li huwa kien jagħmel u li tħalla barra, bħal per eżempju kien jieħu ħsieb il-vetturi tal-kumpannija, fosthom il-VRTs, il-liċenzji u l-manutenzjoni tal-vetturi. Qal ukoll li huwa kien jagħmel xogħol ieħor relatat maż-żamma tal-imħażen. Ir-rikorrent qal li dam madwar xahar wara li l-impjieg tiegħu ġie tterminat, sabiex sab xogħol ieħor. Qal li meta sab impjieg alternattiv, dan ma kienx bl-istess salarju. Qal ukoll li xi żmien wara saħħtu bdiet tmur lura minħabba l-mod kif ġie ttrattat mis-soċjetà intimata, u fuq parir tat-tobba kellu jieqaf mix-xogħol. Ir-rikorrent ippreżenta nota bil-komputazzjoni tat-telf soffert minnu minħabba l-allegata differenza fil-ħlasijiet tas-salarji, u qal li t-telf b'kollox jammonta għal €57,388.60. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll kopja ta' prospett tad-danni sofferti minnu. Dan il-prospett u din it-talba partikolari jifforma l-mertu ta' proċeduri separati mibdija mir-rikorrent fil-konfront tas-soċjetà intimata.

12. **Christopher Gauci**, fix-xhieda tiegħu qal li n-negozju tas-soċjetà intimata huwa negozju tal-familja li nbeda min-nannu tiegħu fl-1924. Qal li n-negozju jopera prinċipalment fil-qasam tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, u fil-qasam tal-bejgħ bl-imnut huwa rinomat għall-prodotti innovattivi. Qal li minħabba l-pandemija u r-restrizzjonijiet fl-ivvjaġġar, il-qasam tal-bejgħ bl-imnut qiegħed

ibati minħabba li naqsu t-turisti mill-belt kapital. Qal li mill-aspett ta' bejgħ bl-ingrossa daħlet ħafna kompetizzjoni mis-*supermarkets* li bdew jiftħu. Spjega li parti sostanzjali min-negozju kienet fil-qasam tal-ikel tal-annimali domestiċi, li wkoll ra tnaqqis għaliex prodotti ta' ditti li kienu jimpurtaw huma bdew jiġu impurtati minn kumpanniji oħra, u għalhekk kienet ittieħdet id-deċiżjoni li jitnaqqsu l-ħaddiema għal raġunijiet ta' viabilità tal-kumpannija. Qal li minkejja dan it-tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema, il-kumpannija baqgħet issofri telf. B'riferiment għat-talba speċifika tar-rikorrent, ix-xhud qal li dan kellu kuntratt b'siegħat fissi ta' xogħol u kellu l-*overtime, leave* u *sick leave,* filwaqt li Joe Balzan kellu kundizzjonijiet differenti, u kien jitħallas bis-siegħa għaliex ma kellux sigħat fissi ta' xogħol. Qal ukoll li Balzan kien *on call* erbgħa u għoxrin siegħa kuljum minħabba li kien jagħmel xogħol ta' manutenzjoni. Qal li r-rikorrent kellu l-opportunità li jaqla' ħafna aktar paga minn Balzan għaliex kien jagħmel ħafna sahra. Ix-xhud qal li Balzan kellu s-sengħa ta' *electrician,* u għalhekk meta tinqala' problema bil-provvista tad-dawl, huwa kien jintalab jagħmel ix-xogħol f'kull ħin tal-ġurnata. Qal ukoll li meta l-kumpannija kien ikollha xi proġett għaddej, Balzan kien jintalab jaħdem sigħat twal biex ilesti.

13. **Joseph Saliba** in rappreżentanza ta' JobsPlus, xehed li wara li l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat, dan ma marx jirreġistra għax-xogħol ma' JobsPlus.

14. Quddiem it-Tribunal xehed ukoll **Andrew Borg Cardona** direttur tal-kumpannija Borg Cardona & Company Limited, li kkonferma li r-rikorrent għamel perijodu ta' madwar tmintax-il xahar jaħdem miegħu. Dan ix-xhud qal li r-rikorrent fil-bidu kien ħabrieki, iżda imbagħad beda jnaqqas mill-ħeġġa u jasal

tard għax-xogħol, sakemm eventwalment dan infurmah li kien ser jitlaq mill-impjieg għal raġunijiet ta' saħħa.

## Id-Deċiżjoni Appellata

15. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 2022, it-Tribunal iddeċieda l-kwistjoni li kellu quddiemu billi kkonkluda li r-rikorrent ma sofra l-ebda diskriminazzjoni u għalhekk it-talbiet tiegħu ġew miċħuda. It-Tribunal wasal għal din id-deċiżjoni wara li għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*F'din il-kawża t-Tribunal għamel eżami tal-provi dokumentarji prodotti kif ukoll tax-xhieda mressqa miż-żewġ partijiet.*

*Il-prova reġina f'din il-kawża huma l-*job descriptions. *Ir-rikorrent ippreżenta lista ta' xogħlijiet li kien jagħmel hu mqabbla ma' dawk li kien jagħmel Joe Balzan. Is-soċjetà ppreżentat* job description *tar-rikorrent li fuqha r-rikorrent xehed u qal li kien hemm xi xogħlijiet neqsin u li żied fuqhom. Joe Balzan ippreżenta affidavit bix-xogħlijiet li kien jagħmel u anke Christopher Gauci fuq ix-xogħol li kien jagħmel Joe Balzan.*

*Is-soċjetà xehdet li l-kundizzjonijiet tar-rikorrent u ta' Joe Balzan kienu differenti, u l-akbar differenza fl-opinjoni tat-Tribunal hija li Joe Balzan kien* on call *24/7, fatt li ma ġiex ikkontestat mir-rikorrent.*

*Wara li eżamina l-provi hawn fuq imsemmija t-Tribunal, speċjalment l-affidavit ta' Joseph Balzan, filwaqt li jaqbel li kien hemm* 'overlap' *f'xi xogħol bejn ir-rikorrent u Joe Balzan, ma jistax jaqbel mar-rikorrent li x-xogħol kien ta' valur ugwali. Joe Balzan kien jagħmel xogħol ta'* maintenance*, xogħol ta'* electrician*, u xogħol ieħor ta'* handyman*, xogħol li r-rikorrent ma kienx jagħmel.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal intalab sabiex:*

*1. Jiddikjara li d-distinzjoni bejn l-impjegati li għamlu x-xogħol ugwali kienet illeġittima u abbużiva*

*2. Jiddikjara lis-soċjetà intimata responsabbli għat-telf ta' qliegħ li r-rikorrent sofra minħabba d-distinzjoni illeġittima*
*3. Jillikwida kumpens għat-telf ta' qligħ soffert mir-rikorrent, rappreżentanti d-differenza fir-rata ta' ħlas, li r-rikorrent ma rċeviex minħabba l-aġir illeġittimu u abbużiv tas-soċjetà intimata*
*4. Jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti dak il-kumpens hekk likwidat minn dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 30(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta*
*5. Jagħti kull provvediment ieħor li jista' jkun meħtieġ sabiex jitneħħew l-effetti tal-aġir diskriminatorju ai termini tal-istess artikolu 30(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Abbażi tal-kunsiderazzjoniet tiegħu, it-Tribunal jiddeċiedi illi r-rikorrent ma sofriex trattament diskriminatorju u għaldaqstant ma jilqax it-talbiet tiegħu."*

## **L-Appell**

16. Ir-rikorrent ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni, u ressaq l-appell tiegħu minnha permezz ta' rikors ippreżentat fis-17 ta' Ottubru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tilqa' t-talbiet tiegħu, u tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata, u dan wara li spjega li huwa ħassu aggravat għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi, minn fejn kellu jirriżulta li x-xogħol li kienu jagħmlu r-rikorrent u Joe Balzan kien ta' valur ugwali, kif ukoll għaliex it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament ġust tal-prinċipju '*Equal Pay for Equal Work of Equal Value'.*

17. L-appellant qal li fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal qal li huwa ma kienx jagħmel xogħol relatat ma' manutenzjoni. Qal li din l-allegazzjoni ġiet ikkontestata ripetutament tul dawn il-proċeduri, u mill-provi kellu jirriżulta li huwa ġie impjegat mas-soċjetà intimata ferm qabel Balzan, li f'dawn il-proċeduri tqies bħala l-persuna li sar il-paragun miegħu meta l-appellant allega li ġie diskriminat. Qal li r-rwol li ngħata Balzan fil-ġerarkija tal-kumpannija kien

li jirrispondi għall-istruzzjonijiet tal-appellant. Qal ukoll li huwa minnu li kien jagħti xogħol relatat mal-manutenzjoni lil Balzan, iżda x-xogħol prinċipali ta' dan l-individwu kien fl-i*stores.* L-appellant qal ukoll li ġie ppruvat li meta huwa ġie mkeċċi mill-impjieg, Balzan wiret ix-xogħol li kien jagħmel hu, u kien hu l-persuna li beda jaqdi r-rwol li kellu l-appellant f'din il-kumpannija. Qal ukoll li huwa ta *handover* lill-istess Balzan meta l-impjieg tiegħu ġie tterminat. Qal ukoll li mhux minnu li x-xogħol primarju ta' Balzan kien marbut mal-manutenzjoni, għaliex Balzan kien issostitwixxa lill-appellant meta huwa ġie mkeċċi mill-impjieg. Qal li Balzan kien jirrispondi lilu, u huwa kien jassenjalu xogħol relatat mal-manutenzjoni. Żied jgħid li fis-sena 2015, bdew jiġu ingaġġati sub-kuntratturi li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni, u għalhekk ix-xogħol tal-appellant u ta' Balzan beda jsir aktar u aktar simili. Qal li fil-verità Balzan kien jagħmel biss xogħol żgħir ta' manutenzjoni, u għal xogħol akbar kienu jitqabbdu nies minn barra, u minkejja li Balzan semma fix-xhieda tiegħu xi proġetti li ħa ħsieb hu, dan ix-xogħol sar mis-sub-kuntratturi u mhux minnu personali. Qal li Balzan kien il-*manager* li kien jara li x-xogħol isir skont l-istruzzjonijiet li jagħtih l-appellant. L-appellant żied jgħid li anki hu kien *manager,* u kien hu li kien imexxi l-*istores,* filwaqt li Balzan kien jirrispondi lilu. Qal li l-pern tal-każ huwa li huwa kien jagħmel xogħol ugwali għal dak li kien jagħmel Balzan, li ma kienx dijametrikament differenti u lanqas ma kien identiku, iżda kien xogħol ta' valur ugwali. L-appellant qal li t-Tribunal ta ħafna importanza lill-fatt li Balzan qal li kien ikun *on-call,* iżda ma nġabet l-ebda prova li din kienet xi kundizzjoni imposta fil-kuntratt ta' Balzan. Qal li waqt il-ġbir tal-provi, is-soċjetà intimata ppruvat tiġġustifika li kien hemm drabi meta nqala' xi ħaġa u sar kuntatt ma' Balzan barra l-ħin tax-xogħol. L-appellant qal li ma nġabet l-ebda prova li dan l-

avveniment fil-fatt seħħ, iżda li fil-każijiet rari meta nqala' xi ħaġa, l-appellant kien ikun infurmat għaliex huwa kien il-persuna responsabbli mill-*istores.* Qal li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament ta' dawn il-provi, minn fejn għandu jirriżulta li żewġ ħaddiema li kienu jagħmlu xogħol ta' valur ugwali, ma kinux jiġu ttrattati bl-istess mod. Qal li t-Tribunal naqas li japprezza wkoll li l-appellant kien impjegat mas-soċjetà intimata ferm qabel Balzan, u l-istess Balzan kien jirrispondi lilu fil-ġerarkija tal-kumpannija.

18. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal m'għamilx apprezzament ġust tal-prinċipju tal-*Equal Pay for Work of Equal Value.* Qal li dan huwa prinċipju li joħroġ mill-artikolu 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u li fil-każ odjern irid jiġi eżaminat jekk ix-xogħol li kienu jagħmlu l-appellant u Joe Balzan, kienx xogħol ta' valur ugwali. Qal li fil-każ odjern ma kellux jiġi ppruvat li huma kienu jagħmlu l-istess xogħol, imma fejn il-valur tax-xogħol jiġi meqjus bħala ugwali, iż-żewġ impjegati għandhom jingħataw l-istess rimunerazzjoni. Qal li appena jiġi stabbilit dan, jirriżulta li hemm diskriminazzjoni, u dan għaliex is-soċjetà appellata stess ammettiet li l-paga tat-tnejn hija distinta. L-appellant qal li x-xogħol li kienu jagħmlu hu u Balzan ma kienx "totalment differenti", għaliex meta għal xi raġuni huwa ma kienx jirrapporta għax-xogħol, kien ikun Balzan li jissostitwieh. Qal ukoll li dan ma kienx iseħħ minħabba *overlap,* iżda għaliex ix-xogħol fil-biċċa l-kbira tiegħu kien simili għal ta' xulxin. Qal ukoll li huwa kien ilu jaħdem mas-soċjetà appellata minn ferm qabel Balzan, u allura dan kien jimmerita rikonoxximent fis-salarju tiegħu. Qal li minflok, is-soċjetà appellata pattietlu għal dan is-servizz billi tatu paga anqas minn tal-kollega tiegħu, u sussegwentement keċċietu sabiex postu ħadu l-istess Balzan. Qal ukoll li l-

argument tas-soċjetà appellata li huwa seta' jaqla' aktar flus billi jaħdem is-sahra, ma jreġix għaliex dan imur kontra l-prinċipju stabbilit fil-liġi. Qal li huwa ma kellux għalfejn jaħdem iżjed ħin biex jaqla' l-istess flus daqs kollegi tiegħu għal xogħol li huwa ta' valur ugwali. Finalment l-appellant għamel riferiment għad-deċiżjoni tat-Tribunal li ddeċieda [Każ Nru. 3559/CCG] li it-tkeċċija tar-rikorrent kienet waħda ġusta, u qal li wara din it-tkeċċija inġusta huwa kompla jiġi diskriminat, u għalhekk għandu jiġi kkumpensat f'ammont li jeċċedi €110,000.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

19. Is-soċjetà appellata fir-risposta tagħha qalet li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, qalet li t-Tribunal kien iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant minn mas-soċjetà appellata kienet waħda inġusta, u għaldaqstant iddeċieda li dan għandu jiġi kkumpensat billi jitħallas l-ammont ta' €16,000. Qalet ukoll li t-Tribunal iddeċieda li l-appellant ma ġiex diskriminat kemm dam fl-impjieg tas-soċjetà appellata. Is-soċjetà appellata qalet li mill-provi prodotti rriżulta li r-rwoli tal-appellant u ta' Joe Balzan kienu distinti minn xulxin. Hawnhekk sar riferiment għax-xhieda ta' Christopher Gauci, li qal li l-appellant kien *warehouse manager/storekeeper* filwaqt li Balzan kien jaħdem bħala *electrician* u *handyman.* Qalet li l-istess xhud spjega wkoll li Balzan kellu salarju aktar mill-appellant mingħajr ma ntqal li l-appellant kellu wkoll aktar benefiċċji, partikolarment għaliex is-soċjetà appellata kienet tipprovdilu l-użu tal-vann tal-kumpannija flimkien mal-*fuel.* Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal qies li l-

appellant ikkalkula l-prospett tad-danni tiegħu abbażi ta' kemm jaqla' ħaddieħor speċjalment fuq żewġ rwoli u xogħlijiet differenti. Qalet li l-appellant għamel użu minn informazzjoni personali u kunfidenzjali sabiex jipprova jkabbar l-ammont li ppretenda li jirċievi bħala kumpens minn fuq daharha, u żiedet tgħid li dan ma setax isir. Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-appellant ma setax jipprova li x-xogħlijiet tal-appellant u ta' Joe Balzan kienu l-istess partikolarment għaliex il-*job descriptions* tagħhom huma distinti kemm fil-paga kif ukoll fil-benefiċċji li jirċievu.

20. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li ġie ppruvat li x-xogħol tal-appellant u ta' Joe Balzan huma distinti u differenti, u għalhekk l-appellant ma jistax jippretendi li huwa jaqa' fl-istess klassi ta' impjieg bħal Balzan. Żiedet tgħid li hija resqet provi sostanzjali, u dak li għamel l-appellant kien biss *fishing expedition* sabiex jipprova jieħu xi ħaġa li ma teżistix. Qalet ukoll li mill-provi rriżulta li Balzan kien jagħmel xi ħaġa li l-appellant ma kienx jagħmel, jiġifieri li dan kien *on call* 24 x 7, fuq kwistjonijiet marbuta mal-manutenzjoni, filwaqt li l-appellant ma kien jagħmel xejn minn dan. Qalet ukoll li huwa minnu li kien hemm ċertu *overlapping* bejn ir-rwol tal-appellant u dak ta' Joe Balzan , iżda ma setax jiġi konkluż li x-xogħol huwa l-istess. Qalet li l-appellant lanqas ma semma li fil-prospett ippreżentat minnu, huwa kien ikkalkula l-ammont abbażi ta' allegazzjoni li kien spiċċa bla xogħol minħabba raġunijiet mediċi. Qalet li b'mod inġust, l-appellant ibbaża l-pretensjonijiet tiegħu fuq dak li kien jaqla' Balzan, u mhux fuq il-paga tiegħu stess. Qalet ukoll li l-appellant naqas milli jsemmi li huwa sab xogħol alternattiv ma' kumpannija oħra, u għalhekk il-prospett bil-pretensjonijiet tiegħu kien wieħed esaġerat.

Qalet li minn dak li ntqal waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal, għandu jirriżulta li wieħed ma jistax jikkompara x-xogħol ta' *warehouse manager/storekeeper* ma' dak ta' *handyman,* u jgħid li huma xogħol simili jew tal-istess valur. Qalet li l-appellant jinsisti li dan huwa l-każ għaliex kien hemm ċertu *overlapping,* iżda dan mhux biżżejjed biex jiġġustifika l-pretensjonijiet tal-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

21. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mis-soċjetà appellata. It-Tribunal iddeċieda li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni da parti tas-soċjetà appellata, li wasslet biex l-appellant beda jirċievi rimunerazzjoni inferjuri għal dik li kien jirċievi ħaddieħor.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi]*

22. L-appellant qal li fil-fehma tiegħu t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi, u kellu jirriżulta li x-xogħol li kienu jagħmlu hu u Joe Balzan mas-soċjetà appellata kien ugwali, anki jekk ma jistax jingħad li kien xogħol identiku. Qal li t-Tribunal kien żbaljat meta qies li huwa ma kienx jagħmel xogħol ta' manutenzjoni, u ma qiesx li Balzan kien jaqa' taħtu fil-ġerarkija tal-kumpannija għaliex ix-xogħol ewlieni ta' Balzan kien fl-*istores,* tant hu hekk li dan kien jirrispondi lill-appellant. L-appellant qal ukoll li meta l-impjieg tiegħu ġie tterminat, huwa ta *handover* lil Balzan, li min-naħa tiegħu kompla jagħmel

ix-xogħol li kien jagħmel l-appellant. L-appellant qal li tant kemm ix-xogħol tiegħu u ta' Balzan kien wieħed ugwali, li anki meta huwa ma kienx jirrapporta għax-xogħol għal xi raġuni, Balzan kien jagħmel ix-xogħol tiegħu, imma minkejja dan huma ma kinux ittrattati bl-istess mod mis-soċjetà appellata.

23. Il-Qorti kkonsidrat kif mill-provi rriżulta li filwaqt li l-appellant kien jaħdem għal snin twal bħala *store manager,* u f'dan ir-rwol kellu diversi responsabbiltajiet fosthom ta' ħaddiema oħra, tal-flotta tal-vetturi tal-kumpannija, tal-istokk, tal-kunsinna u anki xi xogħol żgħir ta' manutenzjoni, Joe Balzan kien ingaġġat bħala *handyman,* tant hu hekk li għall-bidu dan kien jingħata xogħlijiet speċifiċi li kien jitħallas tagħhom. Id-direttur tas-soċjetà appellata xehed li differenza ewlenija bejn ix-xogħol li kien jagħmel l-appellant u x-xogħol li kien jagħmel Balzan, kienet li l-appellant kellu kuntratt tax-xogħol, kellu l-ġranet tal-*leave* u tas-*sick leave,* u kellu l-opportunità li jagħmel is-sahra, filwaqt li Balzan kien jitħallas rata fissa fis-siegħa, u għalhekk is-salarju tiegħu kien jiddependi fuq l-ammont ta' xogħol li huwa kien jiġi assenjat. Jirriżulta wkoll li Balzan kien *on call* erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, u kien fdat b'ħafna proġetti ta' manutenzjoni fil-postijiet kollha tas-soċjetà appellata. Għaldaqstant, anki f'każ li jirriżulta li kien hemm drabi meta Balzan kien mitlub jagħmel xi xogħol fl-*istores,* ir-raġuni ewlenija għalfejn dan ġie ingaġġat mas-soċjetà intimata ma kinitx biex jaħdem fl-imħażen tal-kumpannija, iżda sabiex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni, kif jirriżulta ċar mill-*job description* esebita. Fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas ma jreġi l-argument tal-appellant li x-xogħol li kien jagħmel hu u x-xogħol ta' Balzan kienu ugwali, u dan għaliex l-appellant stess qal li meta l-impjieg tiegħu ġie tterminat, huwa kellu jagħti *handover* lil Balzan. Tali *handover*

ma kinitx tkun meħtieġa li kieku x-xogħol li kienu jagħmlu dawn iż-żewġ individwi kien daqstant viċin ta' xulxin. Jirriżulta wkoll li r-raġunijiet li nneċessitaw l-ingaġġ ta' Balzan mas-soċjetà appellata kienu differenti mir-raġunijiet li wasslu biex l-appellant ġie ingaġġat bħala *store manager,* u li anki jekk jirriżulta li kien hemm *overlap* bejn iż-żewġ rwoli, din il-Qorti mhix daqstant konvinta li x-xogħol li kienu jagħmlu ż-żewġ individwi kien xogħol ugwali. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[il-prinċipju tal-'*Equal Pay for Equal Work of Equal Value'*]*

24. L-appellant sostna li għalkemm ma jistax jingħad li x-xogħol tiegħu u ta' Joe Balzan kienu l-istess, madanakollu għandu jirriżulta li huwa kellu xogħol ugwali jew simili għal dak li Balzan kien jagħmel, u għalhekk il-kumpannija appellata kisret l-artikolu 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti diġà osservat li minkejja li kien hemm element ta' *overlapping* bejn iż-żewġ rwoli*,* ma jistax jingħad li Balzan u l-appellant kienu jagħmlu l-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali. Sa mill-bidu tal-ingaġġ ta' Balzan mas-soċjetà appellata, kien ċar li huwa kien impjegat b'kundizzjonijiet differenti minn tal-ħaddiema l-oħra, u kien mistenni li jaħdem sigħat twal skont l-esiġenzi tal-post tax-xogħol. Il-prinċipju invokat mill-appellant jgħid li fejn żewġ impjiegi jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-ġid ta' min iħaddimhom, l-impjegati f'dawk il-pożizzjonijiet għandhom jingħataw l-istess ħlas. Il-fatt li Balzan kien mistenni li jkun disponibbli l-ħin kollu, u kien mistenni li jaħdem f'kull parti tal-ħwienet u tal-imħażen li kellha s-soċjetà appellata, jagħmel ir-rwol tiegħu fil-kumpannija wieħed differenti u li jagħti valur divers lil min iħaddmu mix-xogħol li kien jagħmel l-appellant. Il-Qorti ma

tqisx li fil-każ odjern kien hemm diskriminazzjoni, u lanqas li s-soċjetà appellata imxiet kontra l-prinċipju li jingħata l-istess ħlas għal xogħol ta' valur ugwali, għaliex ir-rwoli tal-persuni li ġew imqabbla ma kienux identiċi jew ta' valur ugwali għal ta' xulxin. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**